IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 16.5.2012
COM(2012) 230 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Ir-Rapport Biannwali dwar il-funzjonament taż-żona Schengen**
**L-1 ta' Novembru 2011 sat-30 ta' April 2012**

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Ir-Rapport Biannwali dwar il-funzjonament taż-żona Schengen**
**L-1 ta' Novembru 2011 sat-30 ta' April 2012**

## 1. INTRODUZZJONI

Id-dritt għall-moviment ħieles tal-persuni huwa wieħed mis-sisien tal-Unjoni Ewropea u ż-żona ta' Schengen mingħajr verifiki tal-fruntieri interni hija waħda mill-aktar kisbiet siewja tal-integrazzjoni tal-UE. Il-kooperazzjoni ta' Schengen ġiet stabbilita fuq l-inizjattiva ta' ħames pajjiżi tal-UE – il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Pajjiżi l-Baxxi – permezz ta' ftehim tal-1985 u ta' konvenzjoni ta' implimentazzjoni tal-1990, it-tnejn iffirmati fil-belt ta' Schengen fil-Lussemburgu. Fl-1995, il-verifika fuq il-fruntiera interni tneħħa u fl-1997, dawn il-ftehimiet ġew integrati fil-qafas tal-Unjoni Ewropea permezz tat-Trattat ta' Amsterdam. Iż-żona Schengen kibret malajr. Illum tkopri żona ta' 42 673 km ta' baħar u 7 721 km ta' fruntieri esterni fuq l-art, fejn iktar minn 400 miljun Ewropew minn 26 pajjiż Ewropew jistgħu jgawdu minn ivvjaġġjar bla passaport.

Id-dritt li wieħed jivvjaġġa fi ħdan iż-żona Schengen mingħajr ma jkollu jgħaddi minn verifika fuq il-fruntiera hija bbażata fuq il-kundizzjoni li kull stat parteċipanti jkun qed iwettaq l-obbligi tiegħu skont l-acquis ta' Schengen. Għaldaqstant, huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet Ewropej jżommu viġilanza fuq il-funzjonament taż-żona Schengen u jkunu lesti li jirreaġixxu għal kull sfida li jkun hemm quddiemha. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha 'Il-ġestjoni ta' Schengen – it-tisħiħ taż-żona mingħajr kontroll fuq il-fruntieri interni' tas-16 ta' Settembru 2011 ħabbret l-intenzjoni tagħha li tippreżenta ħarsa ġenerali biannwali lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea dwar il-funzjonament ta' Schengen. Fit-8 ta' Marzu 2012 il-Kunsill laqa' pożittivament l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta rapporti regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tal-kooperazzjoni ta' Schengen.

L-iskop ta' dawn ir-rapporti huwa li tingħata l-bażi għal dibattitu regolari fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill u biex b'hekk jingħata kontribut għat-tisħiħ tal-gwida politika u tal-kooperazzjoni fiż-żona Schengen. Dan l-ewwel rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Novembru 2011 sat-30 ta' April 2012 u jikkumplimenta l-miżuri proposti fil-propossti leġiżlattivi tal-Kummissjoni dwar il-governanza ta' Schengen[1], li bħalissa qed jiġu diskussi mal-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Ir-rapport jiffoka fuq il-funzjonament taż-żona Schengen, u jħalli barra kwistjonijiet oħra li jistgħu jkunu marbuta mal-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, iżda li ma jikkonċernawx il-kwistjoni ċentrali u kwistjonijiet li huma indirizzati b'mod

[1] COM (2011) 561 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-ġestjoni ta' Schengen – it-tisħiħ taż-żona mingħajr kontroll fuq il-fruntieri interni, COM (2011) 559 Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u COM (2011) 560 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 sabiex jipprovdi regoli komuni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

parallel f'dokumenti oħra. Dawn il-kwistjonijiet jinkludu, fost oħrajn, il-proposta tal-Kummissjoni dwar Eurosur[2] kif ukoll il-proposta tal-Kummissjoni li tintroduċi klawżola ta' salvagwardja tal-viża[3], kif ukoll kwistjonijiet indirizzati fil-Komunikazzjoni dwar l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità[4] u r-Rapport Annwali dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Ir-rapport biannwali dwar it-tħaddim tal-koperazzjoni ta' Schengen għandu jitqies bħala parti minn dan il-kuntest usa'.

## 2. IS-SITWAZZJONI

### 2.1. Is-sitwazzjoni fuq il-fruntieri esterni ta' Schengen

Il-pressjoni fuq il-fruntieri esterni ta' Schengen hija ffukata fuq numru limitat ta' żoni problematiċi.

Matul il-perjodu Ottubru-Diċembru 2011, in-numru ta' qsim irregolari tal-fruntieri żdied meta mqabbel mas-sena preċedenti, għal kważi 30,000 każ ta' qsim. Madwar 75 fil-mija minn dawn kienu rrapportati mir-rotta tal-Lvant tal-Mediterran, fejn l-aktar nazzjonalitajiet frekwenti kienu l-Afgani u l-Pakistani. Il-Kummissjoni għadha qed tagħti l-appoġġ tagħha lill-Istati Membri għall-immaniġġjar ta' dawn il-flussi migratorji mħallta, fost affarijieti oħra permezz ta' fondi mill-UE (notevolment il-Fond għall-Fruntieri Esterni), il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi rilevanti u permezz tal-Aġenziji tal-UE (eż. il-Frontex)[5].

Il-pressjoni fuq il-fruntieri esterni ta' Schengen hija marbuta ma' żviluppi f'pajjiżi terzi rilevanti, ħaġa li kienet evidenti matul ir-Rebbiegħa Għarbija fl-2011. Il-Kummissjoni tinnota li fil-futur is-sitwazzjoni fis-Sirja tista' tikkawża fluss migratorju lejn pajjiżi ġirien, u anki lejn l-Unjoni Ewropea. Fil-perjodu Ottubru-Diċembru 2011, 578 Sirjan ġew skoperti waqt li kienu qed jippruvaw jaqsmu l-fruntiera esterna ta' Schengen fuq l-art bejn il-punti uffiċjali fejn tista' tinqasam il-fruntiera, meta mqabbel ma' 210 persuni fl-istess kwart tal-2010. 82% minn dawn inqabdu fil-fruntiera esterna fuq l-art tal-Greċja.

Stampa aktar dettaljata tas-sitwazzjoni tinstab fl-analiżi tar-riskju annwali tal-Frontex għall-2012 (http://frontex.europa.eu/assets/Attachment_Featured/Annual_Risk_Analysis_2012.pdf).

***Il-Kummissjoni se teżamina l-ħin kollu jekk l-ibbilanċjar preżenti ta' miżuri ta' appoġġ (fost oħrajn il-finanzjament tal-UE u l-operazzjonijiet tal-Frontex) bejn iż-żoni problematiċi ta' bħalissa u l-bqija tal-fruntiera esterna huwiex xieraq jew jekk għandhiex tiġi prevista prijoritizzazzjoni oħra, filwaqt li jitqiesu fuq naħa l-pressjoni fiż-żoni problematiċi ta' bħalissa u min-naħa l-oħra l-effetti possibbli ta' spustamenti minħaba verifiki msaħħa fil-fruntieri f'dawn iż-żoni kif ukoll flussi migratorji ġodda wara żviluppi li jseħħu f'pajjiżi terzi.***

---

[2] COM (2011) 873 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR).

[3] Il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa.

[4] COM (2011) 743 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – L-Approċċ Globali għall-migrazzjoni u l-Mobbiltà

[5] Analiżi taar-riskju trimestrali tal-Frontex, Ottubru-Diċembru 2011

## 2.2. Is-sitwazzjoni fi ħdan iż-żona Schengen

L-acquis ta' Schengen jippermetti ċittadini ta' pajjiżi terzi[6] li jippossjedu permess ta' residenza jew viża għal permanenza fit-tul maħruġa minn Stat Membru wieħed li jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur fi kwalunkew perjodu ta' sitt xhur. Madankollu, l-applikanti għal ażil li jkunu qed jistennew deċiżjoni dwar l-istatus tagħhom huma eżenti minn dan id-dritt sakemm issir il-valutazzjoni finali tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni. Barra minn hekk, maġġoranza kbira ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment fi ħdan iż-żona Schengen ikunu daħlu legalment fit-territorju, imma mbagħad ikunu baqgħu hemm lil hinn mill-perjodu permess (dawk li jaqbżu t-tul tal-perjodu intitolati għalih), filwaqt li oħrajn ikunu daħlu illegalment. Għal dawn il-persuni, jew il-permanenza tagħhom tiġi regolarizzata mill-Istati Membri skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom jew inkella għandhom ikunu soġġetti għal proċedura ta' ritorn. Ħafna minn dawn il-persuni ma jibqgħux fil-pajjiż minn fejn ikunu daħlu, iżda jmorru lejn Stati Membri oħra.

Fl-2011, inqabdu 350,944 ċittadin ta' pajjiżi terzi li ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex joqgħod fi ħdan iż-Żona Schengen[7], li jikkostitwixxi tnaqqis ta' 9.1% meta mqabbel mas-sena preċedenti. L-aktar li nstabu kienu ċittadini Afgani, Tuneżini u Marokkini. Skont il-Frontex[8], movimenti sekondarji, li joriġinaw mill-fruntieri fuq l-art bejn il-Greċja u t-Turkija nqabdu fuq il-fruntieri fuq l-art bejn il-Balkani tal-Punent u s-Slovenja kif ukoll l-Ungerija, fil-fruntiera fuq il-baħar fin-Nofsinhar tal-Italja kif ukoll f'firxa ta' ajruporti Ewropej, b'mod partikolari fl-Olanda, il-Belġju u l-Ġermanja.

L-informazzjoni dwar l-għadd ta' persuni mingħajr id-dritt li ta' permanenza fiż-żona Schengen li qed ifittxu li jiċċaqalqu lejn Stat Membru ieħor hija limitata. Madankollu għadd ta' operazzjoni ta' darba ta' ġbir ta' dejta pprovdew mill-anqas xi statistika bażika. L-aktar waħda reċenti, l-operazzjoni DEMETER[9], twettqet bejn l-24 u t-30 ta' Ottubru 2011, f'21 Stat Membru (fost oħrajn Franza, l-Italja u l-Greċja ma pparteċipawx). Matul dik il-ġimgħa, l-Istati Membri parteċipanti, bħala parti mix-xogħol tagħhom ta' kuljum, imlew formola ta' rapportaġġ dwar kull inċident ta' suspett ta' residenza illegali fit-territorju tagħhom. Ir-rapporti mbagħad intbagħtu lill-Gwardja tal-Fruntiera Pollakka, li ġabret u analizzat id-dejta. L-għan tal-operazzjoni kien li tinġabar informazzjoni dwar il-flussi migratorji fl-Istati Membri tal-UE, b'mod partikolari fejn jidħu:

– il-pressjonijiet migratorji fil-pajjiżi varji,

– ir-rotot prinċipali minn fejn jgħaddu l-immigranti irregolari,

– il-pajjiżi ta' destinazzjoni prinċipali tal-migrazzjoni,

– il-pajjiżi ta' oriġini tal-migranti irregolari u

– il-postijiet ta' fejn jiżammu l-immigranti irregolari u l-mezzi ta' trasport użati.

---

6 Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE, li ma jkunux ċittadini tal-UE, mhumiex koperti meta ssir referenza għal ċittadini ta' pajjiż terz, minħabba l-istatus privileġġjat li huma jgawdu skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (id-Direttiva 2011/38/KE) u l-acquis Schengen

7 Analiżi tar-riskju annwali tal-Frontex 2012

8 Analiżi tar-riskju annwali tal-Frontex 2012

9 Rapport fil-qosor tal-Kwartieri Ġenerali tal-Gwardja tal-Fruntirera Polakka, Novembru 2011

Matul l-operazzjoni, inqabdu 1936 ċittadin ta' pajjiżi terzi minn 104 pajjiż differenti. L-akbar numru ta' immigranti irregolari nstab fil-Ġermanja (360 persuna), fi Spanja (290 persuna) u fl-Ungerija (260 persuna). Kien hemm maġġoranza li daħlu fiż-żona Schengen fi Spanja (207 persuna), fil-Greċja (180 persuna), f'Ċipru (161 persuna) u fil-Polonja (121 persuna). Il-pajjiżi ta' destinazzjoni prinċipali kienu Spanja (288 persuna), il-Ġermanja (264 persuna) u l-Awstrija (140 persuna).

Il-konklużjonijiet minn dawn l-operazzjonijiet juru li hemm il-ħtieġa biex kontinwament isir l-isforz li jittejjeb il-monitoraġġ u l-analiżi tal-flussi tal-migrazzjoni fi ħdan iż-Żona Schengen. Dan jista' jsir, fost affarijiet oħra, billi darbtejn fis-sena jitwettqu operazzjonijiet tat-tip DEMETER u billi tiġi regolarment skambjata informazzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tilqa' b'mod pożittiv il-koordinazzjoni tal-Operazzjoni Balder mill-Presidenza Daniża bejn is-16 u t-22 ta' April 2012.

Biswit informazzjoni affidabbli dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment fi ħdan iż-Żona Schengen, l-implimentazzjoni tad-direttiva dwar sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem[10] tibqa' għodda importanti fil-ġlieda kontra s-permanenza illegali fit-territorju.

***Apparti inizjattivi preżenti u ppjanati (fost oħrajn l-Operazzjoni Balder), il-Kummissjoni ser tiddelibera dwar jekk jistgħux jittieħdu miżuri oħra sabiex tipprovdi aktar informazzjoni dwar il-flussi migratorji fi ħdan iż-żona Schengen.***

## 3. L-APPLIKAZZJONI TAL-ACQUIS TA' SCHENGEN

### 3.1. Każijiet fejn reġgħu ddaħħlu temporanjament il-verifiki fil-fruntieri interni

L-Artikolu 23 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen[11] jistipula li, f'każijiet eċċezzjonali, fejn ikun hemm theddida serja għall-politika pubblika jew għas-sigurtà interna, Stat Membru jista' jerġa' jdaħħal il-verifiki fuq il-fruntiera fil-fruntieri interni tiegħu. L-Istat Membru għandu mill-aktar fis jinnotifika dan lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, għandu jiġi ppreżentat rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, li jispjega, b'mod partikolari, l-operazzjoni tal-verifiki u l-effettività tad-dħul mill-ġdid tal-kontroll tal-fruntiera. Mindu daħal fis-seħħ tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen fl-2006, il-każijiet kollha ta' dħul mill-ġdid tal-verifiki kienu marbuta mal-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra, tipi differenti ta' atti kriminali konnessi ma' laqgħat ta' livell għoli jew ta' avvenimenti sportivi prinċipali.

Matul il-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 2011 u t-30 ta' April 2012, il-verifiki fil-fruntieri interni ddaħħlu mill-ġdid darbtejn biss. Franza nnotifikat lill-Kummissjoni fl-4 ta' Ottubru 2011 li, minħabba s-Summit tal-G-20 tal-Kapijiet ta' Stat u tal-Gvern, miżmuma f'Cannes fit-3 u l-4 ta' Novembru 2011, hija ppjanat li ddaħħal mill-ġdid il-verifika fuq il-fruntiera tagħha mal-Italja bejn l-24 ta' Ottubru u l-5 ta' Novembru 2011. Sussegwentement, Franza rrappurtat lill-Kummissjoni li, matul dan il-perjodu, ġew ivverifikati 38 620 persuna mad-dħul tagħhom (minn fost 563 158 persuna li qasmu l-fruntiera) u ġew ivverifikati 15 303 persuni mal-ħruġ

---

10 Id-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali.

11 Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)

(minn fost 605 062 qasma). 443 persuna ma tħallewx jidħlu fil-biċċa l-kbira tal-każijiet peress li ma kellhomx dokumenti tal-ivvjaġġar validi.

Fl-20 ta' April 2012, Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni li minħabba l-laqgħa tal-Bank Ċentrali Ewropew f'Barċellona bejn it-2 u l-4 ta' Mejju 2012, kellha ddaħħal mill-ġdid il-verifiki fuq il-fruntiera interna ma' Franza kif ukoll fl-ajruport ta' Barċellona u ta' Gerona matul il-perjodu bejn it-28 ta' April u l-4 ta' Mejju 2012.

### 3.2. Jinżomm in-nuqqas ta' verifika fuq il-fruntieri interni

Taħt l-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, l-Istati Membri għandhom ineħħu kull ostakolu għaċ-ċirkolazzjoni fluwida tat-traffiku fuq it-toroq fil-fruntieri interni, b'mod partikolari kwalunkwe limitu ta' veloċità li ma jkunx ibbażat b'mod esklussiv fuq konsiderazzjonijiet ta' sigurtà stradali. Wara azzjoni mill-Kummissjoni, Franza neħħiet ftit ftit l-ostakli li jxekklu l-fluss fluwidu tat-traffiku f'diversi punti tal-qsim fit-toroq mal-fruntieri interni tagħha ma' Spanja, il-Belġju u l-Lussemburgu. Dawn il-miżuri ppermettew lill-Kummissjoni biex, f'Jannar 2012, tagħlaq il-każ ta' ksur relevanti kontra Franza.

Il-Pajjiżi l-Baxxi għandhom il-ħsieb li jistallaw kamera ta' sorveljanza (@migo-boras) qrib il-fruntieri interni, bħala appoġġ tekniku għal spezzjonijiet tal-pulizija mobbli. F'Novembru 2011 il-Kummissjoni indirizzata ruħha lejn il-Pajjiżi l-Baxxi dwar vjolazzjoni potenzjali tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, tal-liġi tal-UE dwar il-moviment ħieles taċ-ċittadini tal-UE u tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE fejn tidħol il-protezzjoni tad-dejta. Intalbu spjegazzjonijiet speċjalment rigward in-neċessità u l-proporzjonalità tas-sistema u bħalissa l-Kummissjoni qiegħda ssegwi t-tweġibiet tal-Pajjiżi l-Baxxi.

Barra minn hekk, fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Novembru 2011 u t-30 ta' April 2012, il-Kummissjoni talbet informazzjoni rigward l-implimentazzjoni korretta tal-liġi tal-UE u b'mod speċifiku l-acquis ta' Schengen fi tliet każijiet ġodda u baqgħet taħdem fuq tmien każijiet eżistenti, li jindirizzaw b'kollox għaxar Stati Membri differenti (l-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, l-Olanda, is-Slovakkja u l-Isvezja). Dawn il-fajls li l-aktar huma dwar jekk it-twettiq ta' spezzjonijiet tal-pulizija qrib il-fruntiera interna għandhomx effett li hu ekwivalenti għal verifiki fuq il-fruntiera (l-Artikolu 21 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) u l-obbligu li jitneħħew ostakoli għaċ-ċirkolazzjoni fluwida tat-traffiku, bħal ma huma limitazzjonijiet ta' veloċità fit-toroq li minnhom jinqasmu l-fruntieri interni (l-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen). Fil-każijiet kollha, l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali rispettivi għadu għaddej.

### 3.3. Każijiet pendenti ta' ksur relatati mal-acquis Schengen

*It-Traspożizzjoni tad-Direttiva tar-Ritorn (2008/115/KE) fil-leġiżlazzjoni nazzjonali*

L-iskadenza għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tar-Ritorn (2008/115/KE) skadiet fl-24 ta' Diċembru 2010. Sitta u għoxrin Stat Membru diġà adottaw liġijiet ġodda li jittrasponu d-direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u adottaw l-istandards komuni. Sa April 2012 huma biss il-Litwanja, il-Polonja u l-Islanda li kienu għadhom ma nfurmawx li saret traspożizzjoni sħiħa. Il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri li ma rrispettawx l-obbligu tagħhom ta' traspożizzjoni u ta' notifika.

Studju mniedi fl-2011 sabiex jevalwa t-traspożizzjoni korretta tad-Direttiva f'leġiżlazzjoni nazzjonali pproduċa l-ewwel riżultati tiegħu bi tmintax-il rapport li issa huma disponibbli, u l-

bqija għandhom jaslu matul l-2012. Il-Kummissjoni se teżamina bir-reqqa r-rapport ta' traspożizzjoni u ssegwi l-applikazzjoni sħiħa u korretta mill-Istati Membri tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva.

*L-applikazzjoni tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen*

F'Ottubru 2009, allegazzjonijiet ta' diffikultajiet serji li jiltaqgħu magħhom l-immigranti meta japplikaw għall-ażil, kif ukoll ta' trattament ħażin mill-Greċja ta' persuni li jkunu qed ifittxu ażil, u oħrajn li potenzjalment ikunu qed ifitxxu ażil, inkluż it-treġġiegħ lura ta' persuni li jistgħu jiffaċċjaw ħsara serja jew persekuzzjoni, wassal il-Kummissjoni biex toħroġ ittra ta' tqegħid fil-mora kontra l-Greċja. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li kwalunkwe vjolazzjoni tal-acquis tal-ażil fl-UE u tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, flimkien mad-drittijiet fundamentali mnaqqxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, jeħtieġ li jiġu indirizzati b'urġenza.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-pressjoni konsiderevoli li għandha quddiemha l-Greċja bħala riżultat ta' għadd kbir ta' persuni minn pajjiżi terzi li jidħlu fit-territorju tagħha. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni għandha t-tħassib tagħha dwar in-nuqqasijiet serji tas-sistema tal-Ażil Griega u l-ksur tad-drittijiet fundamentali. Filwaqt li tagħraf l-isforzi Griegi biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja mill-qrib din il-materja u tieħdu l-passi meħtieġa biex tiżgura li l-Greċja tosserva l-obbligi legali tagħha u tgawdi mill-appoġġ neċessarju.

### 3.4. Dgħjufijiet identifikati fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen

Iż-żona Schengen hi bbażata fuq fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fil-kapaċità tagħhom li jimplimentaw il-miżuri li jippermettu t-tneħħija tal-verifiki fil-fruntieri interni, b'mod partikolari l-kontroll tal-fruntiera esterna. Sabiex tiġi akkwistata u miżmuma din il-fiduċja reċiproka, fl-1998 l-Istati Membri ta' Schengen stabbilixxew mekkaniżmu[12], għall-verifika ta' jekk il-prekundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen (jiġifieri t-tneħħija tal-verifiki mal-fruntieri) ikunux ġew sodisfatti mill-Istati Membri li jkunu jridu jissieħbu mal-kooperazzjoni Schengen kif ukoll li jivverifika jekk l-acquis ta' Schengen ikunx qed jiġi applikat b'mod korrett mill-Istati Membri li diġà jimplimentaw l-acquis. L-Istati Membri huma evalwati fuq bażi regolari, minn esperti mill-Istati Membri, mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u mill-Kummissjoni. L-evalwazzjonijiet huma bbażati fuq tweġibiet għall-kwestjonarji miftiehem mill-Kunsill kif ukoll fuq żjarat fuq il-post u r-riżultati jitniżżlu f'rapporti, inklużi l-kummenti u r-rakkomandazzjonijiet għal segwitu.

Fil-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 2011 u t-30 ta' April 2012 saru evalwazzjonijiet dwar il-fruntieri tal-ajru fl-Ungerija, Malta u s-Slovenja, dwar il-viża fir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, Malta u s-Slovenja, dwar l-SIS/Sirene fil-Finlandja u fl-Iżvezja, dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija f'Malta, is-Slovenja, l-Isvezja, l-Islanda u n-Norveġja u l-protezzjoni tad-dejta fir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Islanda. Ir-rapporti għadhom qed jiġu abbozzati, iżda huma mistennija li jinkludu xi kummenti u rakkomandazzjonijiet pożittivi kif ukoll negattivi fuq kwistjonijiet bħalma huma t-taħriġ, l-użu tal-analiżi tar-riskju, l-iskambju tal-informazzjoni, il-koperazzjoni internazzjonali u l-infrastruttura fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u ambaxxati/konsulati. Għalkemm ġeneralment hemm lok għal titjib, l-ebda

[12] SCH/Com-ex (98) 26 def.

waħda minn dawn l-evalwazzjonijiet ma urew it-tip ta' nuqqas li jkun jirrekjedi azzjoni immedjata mill-Kummissjoni.

Matul il-valutazzjoni ta' Schengen tal-Greċja fl-2010-2011, instabu diversi nuqqasijiet serji, speċjalment fejn jidħol il-kontroll tal-fruntieri fuq l-art u fuq il-baħar. Minħabba l-firxa estensiva tar-rakkomandazzjonijiet, il-Greċja fasslet pjan nazzjonali ta' azzjoni dwar kif se tirranġa dawn in-nuqqasijiet. Dan jinkludi, fost affarijiet oħra, il-koordinazzjoni mtejba dwar kwistjonijiet ta' amministrazzjoni tal-fruntieri, iż-żieda fl-għadd ta' persunal u ta' tagħmir, it-titjib tal-infrastruttura, programm ġdid għat-taħriġ kif ukoll reviżjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti. Sabiex tevalwa l-progress li sar sa issa u sabiex tidentifika suġġetti fejn l-Istati Membri jistgħu joffru assistenza, għandha ssir żjara minn missjoni ta' reviżjoni bejn it-28 ta' Mejju u t-2 ta' Ġunju 2012. Din il-missjoni se żżur l-Ajruport Internazzjonali ta' Ateni 'Eleftherios Venizelos', il-Port ta' Piraeus u r-reġjun ta' Evros. Filwaqt li ttenni l-impenn tagħha biex tappoġġja l-isforzi Griegi għall-amministrazzjoni tal-fruntieri esterni tagħha, il-Kummissjoni tistieden lill-Greċja tissokta l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ta' Schengen tagħha u biex tistabbilixxi identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u tar-riżorsi disponibbli, komprensiva u sistematika.

Għal kalendarju indikattiv ta' evalwazzjonijiet dwar Schengen bejn Mejju u Ottubru 2012, ara l-Anness I.

### 3.5. It-tneħħija tal-kontroll fil-fruntieri interni mal-Bulgarija u r-Rumanija

Għalkemm il-Kunsill f'Ġunju 2011 kkonkluda li kemm ir-Rumanija kif ukoll il-Bulgarija formalment jissodisfaw il-kriterji biex japplikaw b'mod sħiħ l-acquis ta' Schengen, ma kienx kapaċi jiddeċiedu dwar it-tneħħija tal-kontroll fil-fruntieri interni ma' dawn il-pajjiżi. Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kunsill biex jidentifika u jimplimenta miżuri li jistgħu jikkontribwixxu sabiex isir tkabbir b'suċċess taż-żona Schengen li jkun jinkludi r-Rumanija u l-Bulgarija u talab lill-Kunsill biex jerġa' jħares lejn din il-kwistjoni sabiex jadotta d-deċiżjoni tiegħu fil-laqgħa tal-Kunsill tal-ĠAI f'Settembru 2012. Il-Kummissjoni tinsab lesta biex tappoġġa kull miżura li tista' tkun meħtieġa biex tiżgura li l-Kunsill jieħu deċiżjoni pożittiva f'Settembru.

## 4. MIŻURI TA' AKKUMPANJAMENT

### 4.1. L-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) hija sistema komuni ta' informazzjoni, li tippermetti l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jiksbu informazzjoni relatata ma' allerti dwar persuni u oġġetti. Din l-informazzjoni tista' tintuża għall-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija f'kwistjonijiet kriminali kif ukoll għal verifiki fuq persuni fuq il-fruntieri esterni ta' Schengen jew fit-territorji nazzjonali tagħhom u għall-ħruġ ta' viżi u ta' permessi ta' residenza. Filwaqt li s-SIS hija ta' suċċess kbir u tiġġenera għexieren ta' eluf ta' hits kull sena, il-Kummissjoni qiegħda taħdem flimkien mal-Kunsill biex tidentifika prattiki ta' xogħol u regoli li saru superfluwi.

Għalkemm l-Istati Membri jużaw bażi legali komuni għall-koperazzjoni, l-implimentazzjoni tista' tvarja minħabba liġijiet u proċeduri nazzjonali differenti. Dan ifisser, fost affarijiet oħra, li xi Stati Membri, bl-użu tas-SIS, ikollhom suċċess konsiderevoli fl-intraċċar tal-movimenti

tal-kriminali serji tagħhom fi ħdan Stati Membri oħra, filwaqt li Stati Membri oħra ftit jagħmlu użu minn din il-possibilità.

Barra minn hekk, filwaqt li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni supplimentari (il-bureaux SIRENE) jista' jkun li hija eżemplari, spiss ikun hemm dewmien fi ħdan l-Istati Membri. Meta persuna tkun inżammet fi fruntiera u uffiċċju SIRENE jkollu bżonn b'mod urġenti informazzjoni dwar l-isfond tal-persuna, mhuwiex aċċettabbli li dawn ikollhom jistennew għal sigħat jew anke ġranet għal din il-biċċa informazzjoni kruċjali. Tali detenzjoni ma tistax tiġi ġġustifikata u persuna li tkun inżammet għal xi raġuni leġittima jista' jkun li jkollha tinħeles minħabba nuqqas ta' informazzjoni.

Mhux l-Istati Membri kollha joħolqu, bħala regola, allerti biex jissottolineajaw li dokument tal-ivvjaġġar ikun ġie invalidata mill-awtorità tal-ħruġ. Dan jippermetti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkollu fil-pussess tiegħu d-dokument biex jużah illegalment biex jipprova jidħol fiż-żona Schengen, anke jekk seta' ikun ġie esklużi wara kundanna kriminali.

***Il-Kummissjoni se tevalwa jekk għandhomx jittieħdu xi miżuri sabiex is-SIS u l-uffiċċji SIRENE jkunux jistgħu jintużaw sal-potenzjal sħiħ tagħhom u jekk iva, jekk jistax jiġi kkunsidrat l-użu ta' miżuri oħra, b'żieda mal-kwistjonijiet ta' hawn fuq.***

## 4.2. L-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża

Is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) hija sistema ta' skambju ta' informazzjoni dwar viżi għal żjarat qosra, li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati ta' Schengen li jipproċessaw dejta dwar l-applikazzjonijiet għall-viża u dwar il-viżi kollha li jinħarġu, jinċaħdu, jiġu annullati, revokati jew estiżi. Il-VIS tnediet b'suċċess fil-11 ta' Ottubru 2011 fl-ambaxxati u l-konsulati tal-Istati Membri fl-ewwel reġjun ta' attwazzjoni (l-Alġerija, l-Eġittu, il-Libja, il-Mawritanja, il-Marokk u t-Tuneżija). Skont l-ippjanar kurrenti, il-VIS se tibda' topera fl-10 ta' Mejju 2012 fit-tieni reġjun (l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu u s-Sirja) u fit-2 ta' Ottubru 2012 fit-tielet reġjun (l-Afganistan, il-Baħrejn, l-Iran, l-Iraq, il-Kuwajt, l-Oman, il-Qatar, l-Arabja Sawdija, l-Emirati Għarab Magħquda u l-Jemen). Il-VIS qed taħdem tajjeb u sat-30 ta' April 2012 is-sistema kienet ipproċessat 775 489 applikazzjoni, 611 419 inħarġitilhom viża u u 99 242 inċaħditilhom.

## 4.3. Il-politika dwar il-viża u l-ftehimiet ta' riammissjoni

*Mekkaniżmu ta' monitoraġġ wara l-liberalizzazzjoni tal-viża għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent*

Wara ż-żieda mgħaġġla ta' applikazzjonijiet għall-ażil f'xi Stati Membri wara l-għoti ta' liberalizzazzjoni tal-viża lill-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja f'Diċembru 2009 kif ukoll l-Albanija u l-Bosnja-Ħerzegovina f'Diċembru 2010, il-Kummissjoni stabbiliet mekkaniżmu ta' monitoraġġ wara l-liberalizzazzjoni tal-viża għall-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent li kisbu l-liberalizzazzjoni tal-viża. F'Diċembru 2011, il-Kummissjoni ppreżentat it-tieni rapport tagħha dwar dan il-monitoraġġ[13], li ppreżenta stampa tal-azzjonijiet reċenti meħuda, tas-sitwazzjoni attwali u tal-proposti dwar passi li jmiss. Għalkemm l-għadd totali tal-applikanti għall-ażil mir-reġjun naqas fit-tieni nofs tal-2011,

13 SEC (2011) 1570 Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni - It-Tieni Rapport dwar il-monitoraġġ ta' wara l-liberalizzazzjoni tal-viża għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, skont id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2010

meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2010, wara li kien hemm anqas applikanti għall-ażil mis-Serbja u mill-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, dan kien kontrobbilanċjat minn żieda ta' applikanti għall-ażil mill-Albanija u mill-Bosnja-Ħerzegovina. Il-biċċa l-kbira tat-talbiet għall-ażil (ibbażati fuq nuqqas ta' kura tas-saħħa, il-qgħad u n-nuqqas ta' edukazzjoni) tqiesu bħala bla bażi, b'mod li r-rata tal-għoti tal-għarfien għall-ażil hija baxxa ħafna. Il-Belġju, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Isvezja għadhom il-pajjiżi ta' destinazzjoni ewlenin, parzjalment minħabba t-tul tal-proċeduri tal-ażil u t-tul assoċjat tal-permanenza awtorizzata. Dawn l-Istati Membri ħadu miżuri biex inaqqsu ż-żmien tal-ipproċessar, iżda għad hemm lok għal titjib fir-rigward ta' fost affarijiet oħra, l-iskambju ta' informazzjoni, l-investigazzjoni tal-faċilitaturi, it-tisħiħ tal-kontroll tal-fruntieri, il-kampanji mmirati għall-għarfien u l-assistenza lil popolazzjonijiet ta' minoranza (partikolarment il-komunitajiet tar-Roma).

***Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni se tanalizza jekk il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ ta' wara l-liberalizzazzjoni tal-viża (inkluż il-mekkaniżmu ta' allert tal-Frontex) jipprovdix l-għodda meħtieġa sabiex jiġu ssorveljati l-flussi migratorji wara l-liberalizzazzjoni tal-viża għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jew jekk hemmx titjib meħtieġ ta' dan il-monitoraġġ.***

*Ftehimiet ta' riammissjoni*

Il-konklużjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni tifforma parti ċentrali mill-kooperazzjoni tal-Unjoni Ewropea mal-pajjiżi terzi fil-ġestjoni tal-immigrazzjoni u l-ażil. Il-Kummissjoni f'Novembru 2011 ffinalizzat in-negozjati dwar ftehim ta' rijammissjoni mal-Kap Verde, li issa jwitti t-triq biex jibdew il-proċedura għal ratifika formali. Ġew iffinalizzati negozjati tekniċi mat-Turkija u huwa mistenni li jiġi ffirmat il-ftehim ta' riammissjoni u li jitnieda djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża. Barra minn hekk, tnedew negozjati mal-Armenja u mal-Ażerbajġan dwar l-iffaċilitar tal-viża u l-ftehimiet ta' riammissjoni.

## 5. LINJI GWIDA DWAR IL-FUNZJONAMENT TAŻ-ŻONA SCHENGEN

Miżuri li jitwettqu fil-qafas tal-kooperazzjoni ta' Schengen hija kompetenza mħallta, b'responsabbiltajiet għall-Unjoni Ewropea kif ukoll għall-Istati Membri. Il-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen tiddependi mhux biss fuq l-applikazzjoni uniformi tal-acquis tal-UE, iżda wkoll fuq l-użu tal-kompetenzi nazzjonali f'konformità mal-ispirtu ta' Schengen. Dan il-fatt jista' jiġi illustrat b'żewġ eżempji: L-Istati Membri jistgħu jwettqu spezzjonijiet tal-pulizija fit-territorji tagħhom, sabiex jivverifikaw id-dritt ta' persuna li jkollha permanenza fit-territorju, iżda dawn il-verifiki ma għandhomx ikollhom effett ekwivalenti għal kontroll tal-fruntiera. Barra minn hekk, filwaqt li hija kompetenza ta' kull Stat Membru li joħroġ dokumenti tal-ivvjaġġar u permessi ta' residenza lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, id-deċiżjonijiet tiegħu huma marbuta direttament mad-dritt tal-ivvjaġġar fi ħdan iż-żona Schengen u għaldaqstant dawn jolqtu wkoll lill-Istati Membri l-oħra.

Fil-Komunikazzjonijiet tagħha dwar il-migrazzjoni[14] u dwar il-governanza ta' Schengen[15], il-Kummissjoni impenjat ruħha li toħroġ linji gwida sabiex tiżgura implimentazzjoni u interpretazzjoni koerenti tal-acquis ta' Schengen. Il-linji gwida dwar il-ħruġ ta' permessi ta'

---

14 COM (2011) 248 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Komunikazzjoni dwar il-Migrazzjoni

15 COM (2011) 561 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-ġestjoni ta' Schengen – it-tisħiħ taż-żona mingħajr kontroll fuq il-fruntieri interni

residenza u dokumenti tal-ivvjaġġar kif ukoll il-miżuri tal-pulizija fil-fruntieri interni, li ġew żviluppati mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, jinsabu fl-Anness II.

**ANNESS I: Kalendarju indikattiv tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen Mejju – Ottubru 2012**[16]

| **Perjodu bejn** | **L-Istati Membri** | **Tema** |
|---|---|---|
| is-6 u t-12 ta' Mejju 2012 | l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja. | Fruntieri marittimi |
| it-28 ta' Mejju – it-2 ta' Ġunju 2012 | il-Greċja | "Peer to peer" |
| is-17 u t-22 ta' Ġunju 2012 | l-Ungerija, is-Slovakkja | Kooperazzjoni tal-pulizija |
| l-1 u s-7 ta' Lulju 2012 | l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja. | Fruntieri tal-ajru |
| it-23 u s-27 ta' Lulju 2012 | Malta, is-Slovenja | Il-protezzjoni tad-dejta |
| id-9 u l-20 ta' Settembru 2012 | Malta, il-Polonja, is-Slovenja | Fruntieri marittimi |
| it-23 u d-29 ta' Settembru 2012 | ir-Repubblika Ċeka, il-Polonja | Kooperazzjoni tal-pulizija |
| is-7 u t-12 ta' Ottubru 2012 | id-Danimarka, l-Islanda, in-Norveġja | SIS/Sirene |
| is-7 u t-13 ta' Ottubru 2012 | il-Latvja, il-Litwanja | Viża |
| l-14 u l-20 ta' Ottubru 2012 | l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja. | Il-protezzjoni tad-dejta |

[16] Dokument tal-Kunsill 5090/2/12 SCH-EVAL 1 COMIX 6 REV 2

**ANNESS II: Linji Gwida biex jiżguraw implimentazzjoni u interpretazzjoni koerenti tal-acquis ta' Schengen**

Fis-16 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi li jikkonsistu minn proposti dwar mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen u emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen sabiex tkompli tissaħħaħ il-governanza ta' Schengen[17]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħabbret[18] li se tesplora oqsma fejn l-iżvilupp ta' linji gwida jkun jista' jiżgura implimentazzjoni aktar koerenti tar-regoli ta' Schengen. Il-Kummissjoni identifikat il-ħruġ ta' permessi ta' residenza u ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, kif ukoll miżuri tal-pulizija fil-fruntieri interni, bħala suġġetti xierqa għal tali linji gwida u organizzat żewġ laqgħat mal-esperti tal-Istati Membri, fl-20 ta' Lulju 2011 u fit-28 ta' Novembru 2011, biex jiġu diskussi l-ambitu u l-kontenut ta' tali linji gwida. Il-ħruġ ta' permessi ta' residenza u ta' dokumenti tal-ivvjaġġar kien ukoll diskuss mal-Istati Membri waqt laqgħa tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tal-mekkaniżmu għall-informazzjoni reċiproka, miżmuma fl-1 ta' Diċembru 2011.

Il-linji gwida ppreżentati hawn taħt iqisu l-osservazzjonijiet siewja u s-suġġerimenti mressqa mill-Istati Membri matul din il-konsultazzjoni.

## A. Il-ħruġ ta' permessi temporanji ta' residenza u ta' dokumenti tal-ivvjaġġar lil ċittadini li mhumiex tal-UE[19]

## I. Introduzzjoni

L-acquis ta' Schengen jipprovdi armonizzazzjoni tar-regoli fejn jidħlu permanenzi qosra (il-politika komuni dwar il-viżi, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku ta' viżi għal permanenzi qosra abbażi tal-proċeduri u l-kundizzjonijiet armonizzati għall-ħruġ ta' viżi stabbiliti fil-Kodiċi dwar il-Viżi). L-acquis ta' Schengen ma jipprovdix għal armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-ħruġ ta' viżi għal permanenzi twal, għal permessi ta' residenza u għal dokumenti tal-ivvjaġġar lil ċittadini li mhumiex tal-UE. Dawn il-kwistjonijiet huma rregolati mil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri.

L-acquis tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil fih dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi ta' residenza lil ċerti kategoriji ta' persuni. Għalhekk, per eż. fir-rigward ta' applikanti għall-ażil[20], ma għandhom jinħarġu l-ebda permessi ta' residenza skont il-liġi tal-UE, iżda biss awtorizzazzjoni biex wieħed ikun jista' jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru.

Fir-rigward tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali[21], ir-refuġjati għandhom jinħarġulhom permessi ta' residenza validi għal mill-inqas tliet (3) snin, li jistgħu jiġġeddu, filwaqt li l-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja għandhom jinħarġulhom permessi ta' residenza validi għal mill-inqas sena waħda (1), li jistgħu jiġġeddu. Il-membri tal-familja tal-benefiċjarji tal-protezzjoni għandhom jinħarġulhom ukoll permessi ta' residenza, iżda l-validità tagħhom tista' tkun iqsar.

---

17 COM (559) 2011 u COM (560)2011

18 COM (2011) 561

19 Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE, li ma jkunux ċittadini tal-UE, mhumiex koperti meta ssir referenza għal ċittadini ta' pajjiż terz, minħabba l-istatus privileġġjat li huma jgawdu taħt il-liġi tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (id-Direttiva 2004: 38) u l-acquis Schengen

20 L-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza 2003/09/KE

21 L-Artikolu 24 tad-Direttiva ta' Kwalifika 2004/83/KE

Jekk tiġi ddikjarata protezzjoni temporanja skont id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-benefiċjarji tagħha permessi ta' residenza għat-tul kollu tal-perjodu ta' protezzjoni[22]. Huwa wkoll il-każ għall-membri tal-familja tagħhom li jingħaqdu mill-ġdid skont ir-regoli tad-Direttiva[23].

Fir-rigward tal-kategoriji l-oħra, partikolarment każijiet umanitarji jew regolarizzazzjonijiet, jiġu applikati r-regoli nazzjonali.

Tibqa' kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri li jagħtu awtorizzazzjoni ta' permanenza u/jew dokument tal-ivvjaġġar lil ċittadini mhux tal-UE li s-sitwazzjoni tagħhom ma tkunx koperta mil-liġi tal-UE. Deċiżjonijiet bħal dawn jittieħdu abbażi tar-regoli nazzjonali.

Fir-rigward ta' detenturi ta' viżi għal permanenza twila u ta' permessi ta' residenza, l-acquis ta' Schengen jiddikjara biss il-prinċipju tal-ekwivalenza bejn viża għal permanenza twila/permess ta' residenza u viża għal permanenza qasira[24]: skont dan il-prinċipju, id-detentur ta' viża għal permanenza twila jew ta' permess ta' residenza maħruġ minn Stat ta' Schengen huwa intitolat li jivvjaġġa lejn Stati ta' Schengen oħra għal permanenza qasira, jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul, jiġifieri jekk ikunu fil-pussess ta' dokument validu tal-ivvjaġġar; jiġġustifika l-għan u l-kondizzjonijiet tas-permanenza intiż u jkollu mezzi biżżejjed għall-għejxien; ma tkunx persuna li dwarha jkun inħareġ allert fis-SIS għall-fini ta' ċaħda tad-dħul; ma tkunx meqjusa bħala theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' kwalunkwe Stat Membru[25]. Hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li lejn jivvjaġġa d-detentur ta' permess ta' residenza maħruġ minn Stat Membru ieħor, li jikkontrolla jekk il-persuna kkonċernata tissodisfax dawn il-kundizzjonijiet. Dan il-kontroll jista' jsir fit-territorju tal-Istati Membri. F'każ li jkunu reġgħu ddaħħlu l-verifiki fuq il-fruntieri interni, f'konformità mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen[26] (minn hawn 'il quddiem "il-Kodiċi"), din il-verifika tista' ssir fil-fruntieri interni. Dan japplika wkoll għal ċittadin mhux tal-UE li jkollu permess ta' residenza temporanju u dokument tal-ivvjaġġar maħruġ minn Stat ta' Schengen[27].

L-Istati Membri għandhom l-obbligu li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bit-tipi tagħhom ta' viża għal permanenza twila, ta' permessi ta' residenza u ta' permessi ta' residenza temporanji li jkunu ekwivalenti għal viża għal permanenza qasira u l-Kummissjoni tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-Istati Membri l-oħra[28]. L-Istati Membri l-oħrajn huma obbligati li jaċċettaw li dawn il-viżi għal permanenza twila u l-permessi ta' residenza jkunu ekwivalenti għal viża għal permanenza qasira għall-ivvjaġġar fi ħdan iż-żona Schengen.

Il-qafas legali tal-UE ma jiddefinixxix il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar għal ċittadini li mhumiex tal-UE, ħlief għad-dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ ta'

---

22 L-Artikolu 8 tad-Direttiva ta' Protezzjoni Temporanja 2001/55/KE

23 L-Artikolu 15(6) tad-Direttiva ta' Protezzjoni Temporanja 2001/55/KE

24 Art. 21 (1) u (3) tal-Konvenzjoni Schengen kif emendats bir-Regolament (UE) Nru 265/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta 'Marzu 2010, ĠU n ° L 85, 31.3.2010, p.

25 L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), ĠU L 105 13.4.2006, p.1

26 L-Artikolu 23 *et seq* tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntieri, ĠU L 105 13.4.2006, p.1

27 L-Artikolu 21 (2) tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

28 Ara l-Anness 22 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 06/11/2006 li tistabbilixxi "Manwal Prattiku għall-Gwardjani tal-Fruntieri (il-Manwal ta' Schengen) sabiex jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jwettqu kontroll fuq il-persuni fil-fruntieri, C (2006) 5186 finali

dokumenti tal-ivvjaġġar lil persuni rikonoxxuti bħala li jeħtieġu l-protezzjoni internazzjonali. Għalhekk, jridu jiġu pprovduti dokumenti tal-ivvjaġġar lil refuġjati (obbligu taħt il-Konvenzjoni ta' Ġinevra) u lill-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja (mill-inqas meta jeħtieġu li jivvjaġġaw għal raġunijiet umanitarji), sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor minħabba raġunijiet gravi ta' sigurtà nazzjonali jew ta' ordni pubbliku[29]. B'mod eċċezzjonali, jistgħu jingħataw dokumenti tal-ivvjaġġar lil dawk li jkunu applikaw għal ażil għal raġunijiet umanitarji serji[30]. Applikant għall-ażil jista' jinħariġlu *laissez-passer* suġġett għal trasferiment ta' Dublin, bil-għan li l-persuna tiġi identifikata u tkun tista' tidħol fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli[31]. Fl-aħħarnett, jekk tiġi ddikjarata protezzjoni temporanja, l-Istati Membri għandhom jużaw tip speċifiku ta' *pass* għal trasferimenti tal-benefiċjarji bejn l-Istati Membri[32].

## II. Linji gwida għall-Istati Membri

Il-ġrajjiet tal-2011 urew li l-ħruġ ta' viżi għal permanenza twila, ta' permessi ta' residenza inklużi dawk temporanji u ta' dokumenti tal-ivvjaġġar lil ċittadini mhux tal-UE, f'każijiet ta' fluss kbir għal għarrieda ta' immigranti, jista' jkollu impatt negattiv fuq il-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen mingħajr fruntieri interni.

Jekk Stat Membru jkun iffaċċjat bi fluss kbir għal għarrieda ta' immigranti li ma jkunux ċittadini tal-UE, u fejn dan ma jikkaġunax l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar Protezzjoni Temporanja:

1) Dan l-Istat Membru għandu jgħarraf mingħajr dewmien lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bid-deċiżjonijiet li jkun besiebu jieħu fir-rigward tal-ħruġ ta' permessi ta' residenza u dokumenti tal-ivvjaġġar, inklużi dawk temporanji, liċ-ċittadini mhux tal-UE kkonċernati fil-qafas tal-Mekkaniżmu għall-Informazzjoni Reċiproka (MIM)[33]. Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta, jistgħu jiġu inizjalati dibattiti ad hoc mill-Kummissjoni li tkun qed taħdem flimkien mal-Presidenza tal-Kunsill u f' konsultazzjoni mal-Istat Membru li jipprovdi l-informazzjoni, f'livell xieraq fi ħdan il-Kunsill.

2) Jekk Stat Membru jiddeċiedi li joħroġ permessi ta' residenza u jkollu l-għażla fost tipi differenti ta' permessi ta' residenza skont il-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, għandu jagħżel għall-ħruġ ta' permessi ta' residenza jew ta' permessi ta' residenza temporanji li ma jkunux ekwivalenti għal viża għal permanenza qasira jekk il-migranti ma jkunux jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jivvjaġġaw fi ħdan iż-żona Schengen.

3) Meta jinħarġu permessi ta' residenza jew permessi ta' residenza temporanji li jkunu ekwivalenti għal viża għal permanenza qasira, għandu jinforma lid-detenturi ta' dawn id-dokumenti b'mod xieraq u effiċjenti, dwar il-kundizzjonijiet li bihom ikunu jistgħu (jew ma jistgħux) jivvjaġġaw fi ħdan iż-żona ta' Schengen. L-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu din l-informazzjoni fuq il-websajts nazzjonali tagħhom li jkunu llinkjati mal-Portal tal-UE tal-Immigrazzjoni.

---

29 L-Artikolu 25 tad-Direttiva ta' Kwalifika 2004/83/KE

30 L-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza 2003/09/KE

31 L-Artikolu 19(3) u l-Artikolu 20(1)(e) tar-Regolament ta' Dublin 343/2003 u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni ta' Dublin1560/2003

32 L-Artikolu 26(5) tad-Direttiva ta' Protezzjoni Temporanja 2001/55/KE

33 Stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/688/KE.

Barra minn hekk:

1) Abba¿i tal-informazzjoni diġà pprovduta mill-istudju tan-Netwerk Ewropew tal-Migrazzjoni (NEM) dwar Statuses ta' Protezzjoni Armonizzata mhux tal-UE[34], li identifika l-ħafna kundizzjonijiet għal permessi ta' residenza/vi¿i għal permanenza twila maħruġa għal skopijiet ta' protezzjoni, u t-tipi tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-prattiċi nazzjonali e¿istenti tagħhom f'dan il-qasam fil-qafas tal-Kumitat dwar l-Immigrazzjoni u l-A¿il (KIA).

2) L-Istati Membri għandhom ikunu lesti biex jikkontribwixxu għal mistoqsijiet ad hoc fi ħdan in-NEM dwar dettalji tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fejn jidħlu l-kundizzjonijiet li taħthom l-Istati Membri joħorġu dokumenti ta' identità jew dokumenti tal-ivvjaġġar lil ċittadini mhux tal-UE li ma jkollhomx dokument tal-ivvjaġġar maħruġ minn pajjiżhom ta' oriġini, u dwar il-prattiċi eżistenti f'dan il-qasam.

Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni permezz tal-MIM, il-KIA, in-NEM u ta' kanali oħra.

## B. Miżuri tal-pulizija fiż-żoni konfinali interni

### I. Introduzzjoni

Tista' tqum is-sitwazzjoni fejn l-Istati Membri jqisu li, sabiex tiġi miġġielda b'mod aktar aktar effettiv il-kriminalità trans-konfini, huma jeħtieġu jimplimentaw miżuri addizzjonali fiż-żoni konfini interni tagħhom. Filwaqt li dawn il-miżuri ma għandhomx ikollhom effett ekwivalenti għal verifiki fuq il-fruntiera, jistgħu xorta jkollhom impatt negattiv fuq il-pajjiżi ġirien u fuq il-moviment ħieles tal-persuni, inkluż ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom. Il-vjaġġaturi jistgħu jipperċepixxu dawn il-miżuri bħala ksur ta' wieħed mill-kisbiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

It-Titolu III tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jistipula li l-fruntieri interni bejn l-Istati ta' Schengen jistgħu jinqasmu f'kull punt mingħajr ma jsir kontroll tal-fruntiera fuq il-persuni, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom. It-tneħħija tal-kontroll mal-fruntiera fil-fruntieri interni jimplika wkoll it-tneħħija ta' sorveljanza fil-fruntieri. Dan ma għandux jipprekludi d-dritt tal-Istati Membri li jeżerċitaw is-setgħat tal-pulizija mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti taħt il-liġi nazzjonali, inklużi ż-żoni interni tal-fruntiera, sakemm dan l-eżerċizzju ma jkollux effett ekwivalenti għal verifiki fuq il-fruntiera. Il-Kodiċi tinkludi lista mhux eżawrjenti ta' kriterji biex jivverifikaw jekk l-eżerċizzju ta' setgħat ta' pulizija hux ekwivalenti għal verifiki fuq il-fruntiera jew le. Miżuri li jittieħdu mill-pulizija, pereżempju, ma jitqisux bħala ekwivalenti għal verifiki fil-fruntiera jekk ma jkollhomx bħala objettiv il-verifiki fuq il-fruntiera, ikunu bbażati fuq informazzjoni u esperjenza ġenerali tal-pulizija dwar theddid possibbli għas-sigurtà pubblika u li jkunu mmirati, b'mod partikolari, biex jiġġieldu l-kriminalità trans-konfini, ikunu maħsuba u mwettqa b'mod li jkun differenti b'mod ċar minn verifiki sistematiċi fuq il-persuni fil-fruntieri esterni u jkunu mwettqa bħala verifiki każwali.

F'Ottubru 2010, il-Kummissjoni rrappurtat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet marbuta man-nuqqas ta' verifiki fil-fruntieri interni. Fir-

[34] Disponibbli fuq http://www.emn.europa.eu taħt "EMN Studies"

rapport tagħha[35], il-Kummissjoni kkonkludiet li *t-twaqqif ta' żona mingħajr fruntieri interni fejn il-moviment liberu tal-persuni jkun żgurat jirrappreżenta wieħed mill-aktar suċċessi tanġibbli u sostanzjali tal-Unjoni. Kwalunkwe restrizzjonijiet, bħal ma huma spezzjonijiet tal-pulizija fil-viċinanza tal-fruntieri interni, huma pperċeputi miċ-ċittadini bħala tfixkil d-dritt tagħhom għall-moviment ħieles. Ma jistgħux isiru verifiki fuq il-persuni biss għax huma jkunu qed jaqsmu fruntiera interna, la fil-fruntiera u lanqas fiż-żoni tal-fruntieri.*

Il-Kummissjoni esprimiet tħassib fir-rapport dwar diffikultajiet irrapportati minn vjaġġaturi b'rabta ma' allegazzjonijiet ta' verifiki regolari u sistematiċi mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali ta' xi Stati Membri f'żoni interni tal-fruntiera u impenjat ruħha li ssegwi s-sitwazzjoni mill-qrib żoni interni tal-fruntiera biex tiżgura l-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-UE.

Fit-22 ta' Ġunju 2010, f'sentenza li tistabbilixxi preċedent[36], il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE ċċarat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkonferixxi fuq l-awtoritajiet tal-pulizija ta' Stat Membru l-kompetenza li dawn jivverifikaw l-identità tal-persuni preżenti, esklussivament fi ħdan żona tal-fruntiera interna wiesgħa 20 kilometru, indipendentement mill-imġiba tagħhom u minn kwalunkwe ċirkostanzi partikolari li jippreżentaw riskju għall-ordni pubbliku, għall-iskop ta' verifika ta' konformità mal-obbligu li wieħed ikollu jew iġġorr fuqu karti u dokumenti meħtieġa bil-liġi, mingħajr provvediment għall-qafas neċessarju biex jiġi ggarantit li l-implimentazzjoni prattika ta' din il-kompetenza ma jkollhiex effett ekwivalenti għal verifiki fuq il-fruntiera, tikser l-Artikolu 67(2) TFEU kif ukoll l-Artikoli 20 u 21 tal-Kodiċi.

Wara s-sentenza, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri biex jadattaw kif meħtieġ kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkonferixxi kompetenzi speċifiċi fuq l-awtoritajiet nazzjonali tal-pulizija fiż-żoni interni tal-fruntiera.

Konsegwentement, xi Stati Membri mmodifikaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom sabiex tillimita l-eżerċizzju ta' setgħat tal-pulizija f'żoni interni tal-fruntiera fejn jidħlu post, mezzi speċifiċi ta' trasport u ħin (eż. limitazzjoni taż-żona qrib il-fruntiera interna fejn ikunu jistgħu jsiru l-verifiki fuq il-ferroviji jew vetturi internazzjonali wara li tinqasam il-fruntiera, id-definizzjoni ta' limitu massimu ta' żmien għal kull ġurnata, ġimgħa jew xahar, limitazzjoni fuq in-numru massimu ta' vaguni tal-ferrovija li għandhom jiġu vverifikati għal kull ferrovija).

## II. Linji gwida għall-Istati Membri

1) Skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, l-Istati Membri jistgħu jeżerċitaw is-setgħat tal-pulizija fit-territorji tagħhom inkluż f'żoni interni tal-fruntiera, sabiex jivverifikaw id-dritt tal-persuna li tibqa' fit-territorju. Madankollu, dawn il-verifiki għandhom ikunu ffokati u bbażati fuq informazzjoni u esperjenza aġġornata u konkreta tal-pulizija fejn jidħol it-theddid għas-sigurtà pubblika. Konsegwentement, il-verifiki jistgħu jsiru biss bħala verifiki każwali skont valutazzjoni tar-riskju.

   Li l-verifiki sempliċiment jiċċaqalqu mil-linja ta' fejn tgħaddi l-fruntiera interna nnifisha għal żona eż. 800 metru wara din il-linja ma jkunx biżżejjed biex jitqies li dawn il-verifiki ma kinux ekwivalenti għal verifiki fuq il-fruntiera.

[35] Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tat-Titolu III (Fruntieri Interni) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, COM (2010) 554 finali

[36] Il-Kawżi Konġunti C – 188/10 u C-189/10, Melki u oħrajn

2) Fil-każ li jinqala' l-bżonn li jsiru verifiki regolari u sistematiċi bħala reazzjoni għas-sitwazzjoni ta' sigurtà fit-territorji tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu l-introduzzjoni mill-ġdid ta' verifiki fuq il-fruntiera interni skont il-Kodiċi[37].

3) Skont l-istqarrija tal-Qorti fil-punti 73 u 74 tas-sentenza Melki, il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-verifiki biss f'żoni tal-fruntiera interna, jeħtieġ li jkun fiha limitazzjonijiet b'mod partikolari fir-rigward tal-intensità u l-frekwenza tal-verifiki. Barra minn hekk, jekk verifika ma tkunx tiddependi fuq l-imġiba tal-persuna vverifikata jew fuq ċirkustanzi speċifiċi li jagħtu lok għal riskju ta' ksur tal-ordni pubbliku, din għandha tipprovdi qafas meħtieġ bħala gwida għall-applikazzjoni prattika.

Għalhekk, leġiżlazzjoni li jkun fiha objettivi preċiżi sabiex jitwettqu dawn il-verifiki u l-limitazzjonijiet possibbli ta' żmien tista' tipprovdi l-garanziji neċessarji, b'mod partikolari jekk ikunu bbażati fuq informazzjoni u esperjenza ġenerali tal-pulizija.

4) Meta tkun qed tiġi evalwata l-kompatibbiltà ta' spezzjonijiet tal-pulizija fiż-żoni tal-fruntiera interna mal-acquis Schengen, huwa meħtieġ li jiġi eżaminat kif dawn il-verifiki jiġu implimentati fil-prattika. Għalhekk, meta l-Kummissjoni tiġi kkonfrontata b'allegazzjonijiet serji ta' verfiki fuq il-fruntieri f'żoni tal-fruntiera interna, kif intqal fir-rapport tal-2010, jeħtieġ li tfittex informazzjoni statistika konkreta mill-Istati Membri; għalhekk hija tista titlob lill-Istat Membru interessat sabiex jippreżenta informazzjoni dwar verifiki mwettqa fil-fruntiera matul żmien partikolari (ħin, postijiet, raġunijiet u l-awtorità nazzjonali responsabbli) kif ukoll dwar kif dawn ikkontribwew biex jilħqu l-għanijiet stabbiliti fil-leġislazzjoni jew l-istrateġiji nazzjonali, fost affarijiet oħra fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali.

F'dan il-kuntest, l-eżistenza ta' valutazzjoni tar-riskju u l-fatt li l-Istat Membru kkonċernat ikun qed jieħu miżuri mhux biss fiż-żona tal-fruntiera interna iżda f'partijiet oħra tat-territorju tiegħu ser jiġu kkunsidrati mill-Kummissjoni. L-Istati Membri huma mħeġġa għalhekk mill-ġdid, kif diġà sar fir-rapport tal-Kummissjoni tal-2010, biex jieħdu, sal-għola livell possibbli, l-miżuri neċessarji biex jiġbru din l-informazzjoni, kemm fiż-żoni tal-fruntiera interna kif ukoll fuq il-bqija mit-territorji tagħhom. Dan imbagħad se jagħmilha possibbli, meta meħtieġ, li ssir valutazzjoni soda li l-verifiki li jkun twettqu f'żoni fuq il-fruntiera interna ikunu proporzjonali għall-objettivi. Barra minn hekk, dawn l-istatistiċi, flimkien ma' valutazzjonijiet ex post tar-riżultati tal-verifiki, jistgħu wkoll ikunu siewja għall-Istati Membri nfushom meta jevalwaw l-istrateġiji nazzjonali u l-ippjanar tal-użu tar-riżorsi fil-futur.

[37] L-Artikolu 23 *et seq.*